MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 772/2002

**Avviz Nru 772/02 – DM**

**Mobisle Communications Limited**

Vs

**Caroline Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuta ghal hlas tas-somma ta' elfejn, tmien mija u erbghin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm2,840.45) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut minnha lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lilha mill-atturi fix-xhur bejn Mejju 2002 u Gunju 2002, u dana in segwitu ta' u skond Client Contract Number 6262, liema kuntratt gie ffirmat minnha stess.
Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' 31 t'Ottubru 2002, u tal-mandati ta' qbid u sekwestruipprezentati

kontestwalment mal-att u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma dehret fis-seduta tallum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma

Il-Qorti qedgha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta  thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn, tmien mija u erbghin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm2,840.45). ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-20 ta' Dicembru 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------